MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 341/2012

Mervyn **Gatt ID62688M**

**vs**

1. **Alan Carlton Lightfoot ID 39736A**
2. **GasanMamo Insurance Ltd C3143**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li t-TALBA hi formulata hekk:-

It-TRIBUNAL jikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tliet elef, mitejn, tmienja u erbghin ewro (€3,248.32) oltre l-interessi dovuti minn Mejju 2010 rapprezentanti din is-somma danni sofferti mill-attur f'incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Mejju 2010 fi Triq it-Truncieri, Qajjenza B'Bugia bejn il-vettura Renault Clio nru FBU 587 misjuqa mill-attur u l-vettura Toyota Hilux nru DBG 728 misjuqa mill-intimat Lightfoot assikurat tas-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Ltd, liema ncident sehh tort unikament ta' imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien ta' regoli imputabbli lill-intimat Lightfoot.

Bl-ispejjes inkluz ta' l-ittri ufficcjali fl-istess ismijiet u bl-imghax mid-data ta' l-incident sal-hlas effettiv u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA kif gej:-

1. Illi preliminarjament dan it-TRIBUNAL ma huhiex kompetenti *ratione materiae* sabiex jisma u jiddeciedi dan il-kaz u dana stante illi l-kaz in kwistjoni si tratta dwar danni naxxenti minn incident awtomobilistiku bejn il-vetturi u li allura jinkwadra ruhu ai termini tar-Raba Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dana stante illi:-

a) Ma tirrizulta l-ebda prova illi l-konvenut Lightfoot kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBG 728 fil-hin ta' l-incident

b) Id-danni reklamati mill-attur huma ezagerati u eccessivi, u l-attur ghandu jressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex jipprova s-somma ta'd-danni illi allegatament sofra.

II KONSIDERAZZJONIJIET

1. F'din il-kawza ma ngibux provi fuq il-mertu. Dana ghax hemm qbil li l-ewwel tittiehed decizjoni preliminari fuq l-eewel eccezzjoni. Dan ifisser li t-TRIBUNAL irid jara, mad-daqqa t'ghajn, is-sostenibilita' jew le tal-eccezzjoni wara li jqis dak li qalu l-abbli difensura fin-NOTA ta' OSSERVAZZJONIJIET taghhom.

2. Hawnhekk wiehed irid iqis it-TALBA fid-dawl tal-eccezzjonijiet kollha kemm huma, 'l hinn minn dik preliminari. Fil-kaz prezenti m'ghandniex semplici "money claim" wehidha wehidha imma l-fondatezza *o meno* ta' din it-talba wara li min jiggudika jidhol fil-mertu ta' ncident awtomobilistiku fl-aspetti kollha tieghu.

3. Aktar minn hekk, fin-NOTI qamet il-kwistjoni tal-kostituzzjonalita' tal-Arbitragg Mandatorju. Hawn jigi osservat li haga bhal din ma tistax tigi kunsidrata bhala mqajjma f'NOTI u mhux wara eccezzjoni formoli in rigward.

4. Meta jqis kollox it-TRIBUNAL ihoss li quddiemu ghandu kaz li ma jaqax fil-kompetenza tieghu imma hu regolat bl-Att dwar l-ARBITRAGG (Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta).

III DECIZJONI

Meqjus dan kollu t-TRIBUNAL jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-Intimati u jiddikjara ruhu nkompetenti *ratione materiae*, li jisma l-kaz. Ghalhekk jastjeni ruhu milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-AVVIZ, b'riserva ta' kull dritt iehor talvolta spettanti lir-Rikorrent.

Spejjes tal-kawza jkunu a kariku tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------